**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-30 ta' Novembru 2022**

Kaz Nru: 219/09

**IL-PULIZIJA**

(Assistent Kummissarju Dennis Theuma)

**kontra**

**MATTHEW AGIUS**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 315584(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Matthew Agius ta' wiehed u ghoxrin (21) sena bin Martin u Mariosa nee' Agius imwieled il-Pieta fid-9 ta' Lulju 1984 u residenti 132, Arcades Street, Paola, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 315584M, akkuzat talli f'dan il-Gzejjer fit-13 ta' Jannar 2006,

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kaptilu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra atorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juri li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mil-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939, ghal kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta[2];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta[3];

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti (diversament preseduta) permezz ta' liema din l-istess Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga pprezentata fit-2 ta' Gunju 2021, minn fejn jirrizulta li l-qua imputat temm b'success il-pjan imfassal ghalih mill-istess Bord.

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

[1] Fol. 2 tal-atti processwali
[2] Fol. 201 tal-atti processwali
[3] Fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2022

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. <u>Il-Fatti</u>

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li nhar it-13 ta' Jannar 2006, is-Supratendent Neil Harrison kien ghaddej flimkien ma PC351 Joseph Borg mill-Marsa (vicin il-fergha tal-Bank of Valletta f'dik il-lokalita) fejn innota zewg individwi jitlajjaw u konsegwentament gieh suspett fihom ghax dawn kienu gia maghrufa mal-pulizija in konnessjoni ma reati tad-droga. Dawn iz-zewgt individwi kienu Jesmond Cassar (maghruf bil-laqam 'it-Tito') u John sive Johann Mifsud. Wara ftit mumenti ta' osservazzjoni giet innotata vettura tal-marka Toyota Corolla Mark 2 ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 442 tavvicinahom. Jesmond Cassar gie ukoll osservat jaghmel kuntatt max-xufier ta' din il-vettura. Is-supratendent Harrison flimkien mal-kuntistabbli tieghu marru bil-vettura warajhom u hekk kif indunaw bil-prezenza tas-Sur Harrison, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 442 saqet f'daqqa bil-ghan li tahrab minn fuq il-post u z-zewgt persuni l-ohra ukoll telqu jigru. Il-vettura tas-Sur Harrison saqet wara l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 442 bil-ghan li jippruvaw iwaqqfu l-imsemmija vettura. F'dawk il-mumenti is-Sur Harrison osserva lix-xufier tal-vettura DBJ 442 jarmi xi haga minn got-tieqa. Is-Sur Harrison waqqaf il-vettura tieghu biex jara x-xufier x'kien rema u minn hemm gabar xi sachets tal-karti b'xi trab abjad. Sussegwentament ghalkemm is-Sur Harrison ippruva isegwi lill-vettura DBJ 442 ma rnexxielux jaghmel dan b'success.

Konsegwentament, il-pulizija arrestat liz-zewg persuni li kienu qed jitlajjaw il-Marsa u li kienu gia maghrufa maghhom, senjatament Jesmond Cassar u Johann Mifsud, fejn dawn gew interrogati mill-pulizija. L-istqarrija rrillaxata minnhom giet ikkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat. Fil-fatt f'din ix-xhieda John Mifsud jispjega li dakinhar huwa kien hdejn id-Detox meta ltaqa ma Cassar li kien habib tieghu. Huwa jispjega li Cassar kien qallu biex imur mieghu sabiex jixtru l-eroina minghand persuna hdejn ir-roundabout tal-Marsa. Huwa jghid li fil-fatt huma marru hemm u qaghdu jistennew lil dan il-persuna. Jghid li f'hin minnhom vettura Toyota hamra avvicinathom. Din il-vettura kien fiha tlett persuni. Jesmond Cassar resaq lejn it-tieqa tax-xufier, madanakollu dak il-hin giet vettura ohra ta' kulur ahmar li minnha niezel is-Sur Harrison u hekk kif gharfuh l-ewwel vettura hamra irriversjat u harbet bi speed gholi minn fuq il-post, bil-karozza tas-Sur Harrison issegwieha. Jghid ukoll li huwa u Jesmond Cassar telqu minn fuq il-post ukoll ghax ma kienx fadlilhom skop ta' ghaliex jibqghu hemm. Mifsud jghid li huwa ma kienx jaf lil persuna li kien hemm gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 442 u li kienet l-ewwel darba li huwa ra lix-xufier tal-imsemmija vettura. Jghid ukoll li ma kienx jaf x'jismu. Min-naha l-ohra, Jesmond Cassar, fl-istqarrija guramentata tieghu jispjega li huwa kien iltaqa ma Mifsud hdejn id-Detox u sussegwentament kienu marru l-

Marsa biex jiltaqghu ma zghazugh maghruf minnu bil-laqam tal-"Pinzell". Huwa jikkonferma li kien jaf lil Pinzell ghal madwdar seba' xhur u kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien xtara minghandu s-sustanza eroina. Jghid ukoll li dakinhar huwa kien cempel lill-Pinzell u ftehmu sabiex jiltaqu l-Marsa bil-ghan li Cassar jixtri l-eroina. Jghid li fil-fatt iltaqu l-Marsa, fejn il-Pinzell gie jsuq vettura hamra u kellu mieghu bhala passigiera zewgt persuni ohra tas-sess feminili. Dak il-hin wasslet il-karozza tas-Sur Harrison u l-Pinzell saq minn fuq il-post u harab. Jghid li ghaldaqstant huwa baqgha minghajr droga. Jikkonferma ukoll li s-Sur Harrison saq ghal wara l-vettura tal-Pinzell.

Minn analizi li saret tas-sustanza li tremiet mix-xufier tal-vettura bin-numru DBJ 442 u li gabar is-Sur Harrison, l-espert mahtur mill-Qorti ghal dan il-ghan, ix-xjenzat Mario Mifsud ikkonkluda:

> *"Li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq iz-zewg bicciet tal-karti li kien hemm fid-dokument 163/11/01;*
> *Li fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fil-qartas tal-karti, fid-dokument 163/11/01 f'ammont nett totali ta' 0.11 grammi, instabet fih is-sustanza herojina. il-purita' tat-trab kannella ghas-sustanza herojina kienet ta' circa 31.3%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollat bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni kemm ikun fih qartas konsum *street level*, l-espert xjenzat Mario Mifsud wiegeb: *"0.1gram fin-norma ta' qartas normali"*[4].

Rapprezentant ta' Transport Malta ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 442 hija rregistrata f'isem Martin Agius bin-numru tal-karta tal-identita' 147264(M). Mic-certifikat tat-twelid tal-qua imputat ipprezentat fl-atti kif ukoll permezz tax-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija jirrizulta li Martin Agius huwa missier il-qua imputat.

B. Kwistjoni Preliminari – Stqarrija

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-qua imputat, Matthew Agius kien irrilaxxa stqarrija lill-pulizija, partikolarment lill-ispettur Nadia Lanzon fil-prezenza ta' WPC 21 Ashley Bugeja, liema stqarrija huwa kien ghazel li ma jiffirmax. Din l-istqarrija kienet mehuda nhar it-28 ta' Frar 2006 fis-3.60 ta' filghaxija u dan wara li l-imputat inghata informazzjoni sufficjenti dwar id-dritt tas-silenzju. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax li l-qua imputat gie mghoti d-dritt ghall-assistenza legali la qabel u lanqas waqt it-tehid tal-istqarrija. Ma jirrizultax lanqas li kien hemm ragunijiet impellenti li jiggustifikaw il-fatt li Agius ma naghtax id-dritt ghall-assitenza legali. Tajjeb li wiehed ifakkar li lura fis-sena 2006 meta ttiehdet l-istqarrija mertu tal-proceduri odjerni, il-ligijiet Maltin ma kienux jipprovdu ghad-dritt tal-assistenza legali qabel it-tehid tal-istqarrija u wisq inqas waqt. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti, qieset il-principji

[4] Fol. 37 tal-atti processwali.

stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[5]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-istess imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

C. Kunsiderazzjonijiet dwar htija o meno

Illi l-qua imputat jinsab akkuzat b'pussess aggravat u traffikar tas-sustanza eroina. Dawn l-imputazzjonijiet jistriehu principalment fuq zewt fatti. L-ewwel l-incident tal-Marsa li gie sfrattat bil-prezenza tas-Sur Harrison u fit-tieni lok, l-istqarrija guramentata ta' Jesmond Cassar, li jghid li kien hemm diversi okkazzjonijiet li fihom xtara l-eroina minghand il-qua imputat.

Ghal kull bon fini jinghad li fil-kunsiderazzjonijiet taghha din il-Qorti ser tistrieh unikament fuq l-incident gewwa l-Marsa. Dan qed isir ghaliex Cassar fl-istqarrija guramentata tieghu fl-ebda hin ma identifika b'mod car lill-qua imputat meta ddikjara li xtara l-eroina f'diversi okkazzjonijiet precedenti minghand l-istess persuna. Din l-identifikazzjoni lanqas saret b'mod car meta Cassar xehed viva voce. Gie ikkunsidrat ukoll li minn dak li stqarr Cassar fl-istqarrija guramentata rigward l-okkazzjonijiet precedenti, mill-atti processwali ma jirrizultax b'mod car il-parametri ta' zmien ta' meta sehh dan bil-ghan li wiehed janalizza jekk dawn jaqawx fil-parametri ta' zmien mghotija fic-citazzjoni mill-prosekuzzjoni.

**L-incident gewwa l-Marsa**

Fl-ewwel lok, sabiex jirrizulta l-pussess aggravat tas-sustanza eroina jrid necessarjament jigi pruvat li l-qua imputat kien fil-pussess tal-imsemmija sustanza. **Mifsud** fl-ebda hin ma jiddentifika lill-qua imputat – la fl-istqarrija guramentata u lanqas fix-xhieda tieghu fl-iter processwali odjerni. Huwa jghid biss li huwa kien mar hemmhekk flimkien ma Cassar sabiex jixtru l-eroina. **Cassar** fl-istqarrija guramentata jikkonferma dak li qal Mifsud li huma marru hemm sabiex jinqdew ghad-droga eroina. Madanakollu meta mistoqsi ma min kien miftiehem sabiex jixtri s-sustanza eroina huwa jghid li kien miftiehem ma persuna maghrufa bhala l-Pinzell. Madanakollu jghid li ghalkemm kien ilu jixtri

[5] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

minghandu ma kienx jaf x'jismu. Fl-istqarrija guramentata huwa ddeskriva ukoll lil dan il-persuna fizikament. Cassar xehed ukoll viva voce fl-iter processi odjern. Hawnhekk Cassar kien hafna izjed rilluttanti fix-xhieda tieghu specjalment meta mistoqsi dwar l-identifikazzjoni tal-imputat. Huwa jikkonferma li l-laqam tal-persuna li ltaqa mieghu l-Marsa kien il-Pinzell. Madanakollu jghid li jaf hafna nies bil-laqam tal-Pinzell. Jghid ukoll li lill-qua imputat ma jafux. Fil-fatt jghid bil-gurament li dakinhar huwa ma ftehiemx mal-qua imputat sabiex jinqeda ghall-eroina. Iktar minn hekk jirrizulta li f'istanzi Cassar jghid li lill-imputat ma jafux, madanakollu f'istanzi ohra jillimita lilu nnifsu ghal li jghid li dakinhar ma kienx ftiehem mieghu sabiex jinqeda ghad-droga eroina. Mix-xhieda tieghu *viva voce* jirrizulta kjarament li Cassar kien rilluttanti fix-xhieda tieghu anke billi ddikjara diversi drabi li kien nesa l-fatti mertu tal-proceduri odjerni meta sussegwentament minn twegibiet ohra rrizulta kjarament li l-fatti kien jiftakarhom ben tajjeb. Minkejja li hekk kif inghad hawnhekk, Cassar ma identifikax lill-qua imputat bhala l-persuna li minghandu ried jinqeda dakinhar, Cassar xorta kkonferma li dakinhar huwa mar il-Marsa ma Mifsud bil-ghan li jixtri d-droga eroina u dan minghand dak il-persuna li kien avvicinahom bil-vettura l-hamra. Rigward l-identifikazzjoni tal-qua imputat irid necessarjament jinghad li din il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 442 li dakinhar avvicinat lil Mifsud u lil Cassar hija rregistrata ma Transport Malta f'isem Martin Agius, li mic-certifikat tat-twelid kif ukoll mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija jirrizulta, li huwa missier il-qua imputat. Di pu' i**s-Supratendent Neil Harrison** fix-xhieda tieghu kien car dwar l-identifikazzjoni tal-qua imputat u ddikjara s-segwenti:

> *"Jien dak il-hin ma kontx nafu lil Matthew Agius pero rajtu. Rajtu f'zewg okkazzjonijiet. Rajtu meta inzilt ghal fuqu u saq u rriversja u rajtu wkoll meta gejn vicin tieghu ghal Aldo Moro Street. Meta mort l-ufficcju jiena pruvajt nara l-karozza fuq min kienet u wasalna li kien qed isuqha hu. U gharaftu kemm mir-ritratt tal-karta tal-identita' kif ukoll meta gie arrestat mill-ispettur Nadia Lanzon li kien hu l-persunali kien qed isuq il-vettura."*

F'diversi sentenzi il-Qrati Maltin rritenew li meta l-Qorti tigi biex tgharbel dik l-evidenza marbuta mal-identifikazzjoni tal-awtur ta' reat, dan ghandu jsir b'kawtela u cirkospezzjoni. Il-Qrati Maltin b'mod kostanti segwew bhala linji gwida r-regoli stipulati mill-Qori tal-Appell Ingliza fil-kaz R vs. Turnbull[6].

> *"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should*

[6] Court of appeal 1977 – QB244

*instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence. Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."*

Irid jinghad li meta s-Sur Neil Harrison xehed dwar l-identifikazzjoni tal-imputat huwa mhux biss gharaf lill-persuna fuq il-bank tal-akkuzati bhala l-persuna li dakinar tal-akkadut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 442 (dock identification), izda spjega fid-dettal kif kien ghamel l-identifikazzjoni tal-qua imputat. Dan juri li l-identifikazzjoni mhux biss saret minn ufficjal tal-pulizija izda minn persuna li ma hadiex b'mod legger. Mix-xhieda tas-Sur Harrison jirrizulta car li ghalkemm ra lill-imputat ghal ftit sekondi kull darba huwa rah f'zewgt istanzi. Fid-dawl ta' dan kollu, inkluz ix-xhieda ta' Transport Malta, din il-Qorti hija tal-fehma li hija tista tistrieh fuq l-identifikazzjoni maghmula mis-Supratendent Neil Harrison li l-qua imputat kien proprju dak il-persuna li kien qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBJ 442.

Stabbilita' l-identifikazzjoni tal-qua imputat, jinghad ukoll li s-Sur Harrison jixhed li huwa mhux biss identifika lill-qua imputat izda rah jarmi xi haga mit-tieqa tal-vettura tieghu li meta huwa personalment niezel biex jara x'kienet, sabha u elevaha. Din giet ipprezentata fl-atti processwali odjerni. Meta l-istess oggett (sustanza) giet analizzata minn espert tal-Qorti mahtur ghal dan l-iskop irrizulta li din kienet is-sustanza eroina fl-ammont ta' 0.11g. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi jirrizulta pruvat li l-qua imputat kien fil-pussess ta' sustanza eroina.

Stabbilit dan jonqos biss li jigi determinat jekk dan il-pussess kienx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat jew altrimenti kienx intiz ukoll ghall-ispacc. Immedjatament jinghad li l-ammont tas-sustanza eroina kien wiehed minimu u cioe' dak ta' 0.11g. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: Il-**Pulizija vs. Ernest Briffa**[7] (anke b'referenza ghal sentenzi ohra) ddikjarat is-segwenti:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Noel Borg deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*
> >
> > *Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament*

[7] 26.1.2011

*raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"*

Mix-xhieda ta' Cassar tramite l-istqarrija guramentata tieghu jirrizulta li meta cempel lill-Pinzell minn telephone box gewwa l-Hamrun huwa talab sabiex *"jaqdini zewg nofsijiet"*[8]. L-ammont li kien fil-pussess tal-qua imputat (0.11g) huwa simili ghal dak mitlub minn Cassar. Fil-fatt, Mario Mifsud, fix-xhieda tieghu spjega li qartas fis-suq normalment jikkontjeni madwar 0.1g. Ghaldaqstant zewgt nofsijiet jammontaw ghall-istess ammont. Jirrizulta ukoll mix-xhieda prodotta li Cassar kien ftiehem mal-qua imputat sabiex huwa jixtri l-eroina mill-Marsa propju fl-istess lok fejn il-qua imputat mar u gie osservat jarmi s-sustanza eroina minn gewwa l-karozza li huwa kien qed isuq. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, minkejja li l-qua imputat kien fil-pussess tal-ammont minimu ta' 0.11g eroina, din il-Qorti hija tal-fehma li din kienet intiza ai fini ta' spacc u konsegwentament il-qua imputat ser jinsab hati tal-ewwel imputazzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni u cioe' dik ta' traffikar tal-eroina jinghad li l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti s-segwenti definizzjoni ghal "traffikar"

> *(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza: (sottolinear ta' din il-Qorti).*

Mill-provi pprezentati jirrizulta li Cassar talab lill-qua imputat sabiex jipprovdieh bid-droga eroina. L-qua imputat Agius accetta u offra li jiltaqgha mieghu ghal dan il-ghan gewwa l-Marsa, tant li mar hemmhekk u gie osservat bis-sustanza eroina f'idu jarmieha. Fid-dawl ta' dan, fil-fehma ta' din il-Qorti din l-imputazzjoni giet ukoll sodisfacentament ippruvata.

[8] Fol. 11 ta' Dok. OD

D. <u>Kunsiderazzjonijiet ai fini ta' Piena</u>

In kwantu ghall-piena din il-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom il-qua imputat qed jinsab hati, n-natura u l-ammont minimu ta' droga involuta, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat.

Qieset ukoll li nhar is-7 ta' Novembru 2018 din il-Qorti (diversament ippreseduta) assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga. Rat ix-xhieda kollha prodotta mid-difiza in sostenn tat-talba taghha sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga, fejn mill-istess xhieda jirrizulta car li l-qua imputat kellu storja twila ta' abbuz u dipendenza mid-droga eroina. Rat ukoll in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ipprezentata fit-2 ta' Gunju 2021 minn fejn jirrizulta li l-qua imputat impenja ruhu sabiex jeghleb l-imsemmija dipendenza u fil-fatt irnexxielu b'dereminazzjoni kbira izomm astinenti mill-istess sustanza u juri progress f'diversi aspetti ta' hajtu. Hawnhekk il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-diversi rapporti pprezentati mill-Probation Officer li kien qed isegwieh li juru d-diffikultajiet li ltaqa maghhom l-imputat u d-determinazzjoni li wera sabiex ma juzax mis-sustanza eroina u jindirizza diversi aspetti personali.

Rat ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat kif ukoll ix-xhieda tar-registratur tal-Qorti li kkonfermat li l-proceduri odjerni huma l-unici proceduri li l-qua imputat ghad ghandu pendenti quddiem il-Qrati tal-Gustizzja.

Fid-dawl tax-xhieda tar-registratur issir referenza ghal dak stipulat fl-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*
>
> *Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*

Illi qari *ad literam* ta' dan is-subartikolu jista' jaghti x'jifhem li l-Qorti ma jkolliex l-obbligu li tapplika l-piena mandatorja ta' prigunerija f'kaz biss li din il-Qorti ssejjah lura kazijiet li kwalunkwe imputat jistgha jkollu pendenti u dan fit-

termini tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537. Il-ligi hija kompletament silenzjuza ghal dak li ghandu jigri f'kaz li l-imputat, hekk kif inhu fil-kaz odjern, ma jkollux kazijiet ohra pendenti[9].

Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:

> *"L-iskop ta' din il-liġi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jingħataw ċans ieħor mis-soċjetà, se jingħataw ċans ieħor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Priġunerija" jindika dan.".* [10]

Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:

> *"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess sempliċi u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa għandna ċirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juża d-droga għalih imma għandu ammont ta' drogi li għalkemm ma ġiex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jeħodhom kollha hu. … Dawn għandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibigħuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jiġu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jiġu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-ħabs bilfors b'minimu ta' sitt xhur priġunerija. Jista' ħareġ mill-vizzju, jista' qed jgħallem il-Caritas u jista' jkun qed jagħmel xogħol enormi fis-soċjetà, għax dak irid imur il-ħabs bilfors.*
>
> *Aħna qed ngħidu li f'dik iċ-ċirkostanza rridu nagħtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li għandha l-intenzjoni li toħroġ mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza tagħha, tgħajjat il-kawżi kollha li għandha l-persuna, jiġifieri jekk din għandha kawża oħra ta' serq - għax dawn ħafna drabi jkollhom kawżi oħrajn – tagħtiha sentenza waħda li mhux bilfors tkun ħabs. Eliminajna xi każijiet li ma jistgħux jingħajtu bħal, pereżempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan daħal u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi minn din imma bħala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan ħareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux ħabs. Qed nagħtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' ħabs bilfors."* [11]

[9] Ara f'dan is-sens il-verbal maghmul fl-udjenza ____.
[10] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014
[11] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014

Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal ligi, nghad ukoll:

> *"…il-Qorti tittrasforma ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkużat ma jeħilx il-ħabs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibagħtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-soċjetà li lest joħroġ mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment joħroġ mill-vizzju wara li l-Bord jgħid li effettivament ħareġ, dan l-akkużat jerġa' jiġi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibagħtu l-ħabs jew tagħtih piena li mhux bilfors il-ħabs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed nagħtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fiċ-ċirkostanzi jekk tibagħtux il-ħabs jew le wara li jiġru dawn l-affarijiet kollha li semmejt.*
>
> *Irrid ngħid ukoll li jekk dan l-individwu għandu reati oħrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jiġifieri jekk dan ta xi xebgħa lil xi anzjana, jew daħħal id-droga l-ħabs, jew biegħ id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistgħu jiġu attirati quddiem din il-qorti u tagħti sentenza waħda li ma tkunx bilfors ta' ħabs. Il-qorti tara hi jekk tibagħtux il-ħabs jew le. Naħseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu."*[12]

Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn persuna ma jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga jistgha jikkommetti numru ta' reati ohra sabiex imantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga.

Stabbilit dan, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, fejn:

---
[12] Kumitati permanenti għall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015

(a) ir-reati li taghhom ser jinsab hati huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza li l-qua imputat kellu dak iz-zmien tar-reat odjern; u

(b) l-imputat irnexxielu jeghleb id-dipendenza fuq sustanzi lleciti huwa riforma hajtu kompletament fejn illum, mix-xhieda mismugha jirrizulta li qed jghix hajja stabbli 'l boghod mid-droga,

Din il-Qorti hija tal-fehma li b'applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tinfliggi piena alternattiva minn dik ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 hekk kif sussegwentament emendat, **qed issib lil Matthew Agius hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' seba' xhur prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sena millum.**

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur